31996R1461

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1461/96
tal-25 ta' Lulju 1996
dwar il-kwoti ta' tariffa miftuħin rigward l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarja, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka bħala riżultat ta' l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti bħala riżultat ta' l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti bħala rużultat ta' l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli,

Billi l-kwoti ta' tariffa applikabbli għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw fil-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarja, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka bħala riżultat ta' l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli koperti bl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 3448/93 eliġibbli għal riduzzjoni tal-komponent agrikolu nfetħu bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 478/96 [2] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3238/94 [3];

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1460/96 [4] jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti kummerċjali preferenzjali applikabbli għal ċerti oġġetti bħala riżultat ta' l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli kif jipprovdi għalihom l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93; billi dak ir-Regolament jissostitwixxi u jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 3238/94 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1294/94 [5], imma ma jiftaħx kwoti ta' tariffa;

Billi l-kwoti miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 478/96 għandhom għalhekk jinżammu permezz ta' leġislazzjoni separata;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal kwestjonijiet orizzontali dwar kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati mhux elenkati fl-Anness II,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta'Jannar sal-31 ta' Diċembru 1996, oġġetti li joriġinaw fil-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarja, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka li huma elenkati fl-Annessi I, II, III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 478/96 għandhom ikunu suġġetti għal komponenti agrikoli ridotti fil-limiti tal-kwoti annwali u taħt il-kondizzjonijiet preskritti f'dawk l-Annessi.

Artikolu 2

Importazzjonijiet ta' oġġetti li jaqgħu fil-Kodiċi tan-NK 1901 90 91 u eliġibbli għal riduzzjoni fil-komponent agrikolu għandhom jingħataw in-nimri li ġejjin:

— 09.5467 għal oġġetti li joriġinaw fil-Bulgarja,

— 09.5227 għal oġġetti li joriġinaw fl-Ungerija,

— 09.5417 għal oġġetti li joriġinaw fir-Repubblika Ċeka,

— 09.5417 għal oġġetti li joriġinaw fir-Repubblika Slovakka.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18.
[2] ĠU L 68, tad-19.10.1996, p. 12.
[3] ĠU L 338, tat-28.12.1994, p. 30.
[4] Ara l-paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[5] ĠU L 141, ta' l-4.6.1994, p. 12.